**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 173/2020 AGV;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta'AB,** datat 18 ta' Gunju 2020, fejn ppermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu nhar fid-19 ta' Mejju 2012, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta, skont ma jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg relattiv illi qed jigi anness , esebit u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill- 25 ta' Frar 2016 u dan skont kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv, fl-atti tan-Nutar Dr.

John Gambin illi kopja tieghu qed tigi annessa ,esebita u mmarkata Dok. B;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre’ li huma ilhom legalment separati ghal izjed minn 4 snin, huma jghixu ukoll hajja totalment separeta u indipendenti minn xulxin;
5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward hlas ta’ manteniment stante illi ai termini tal-klawsola numru 3 tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ottjeniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
7. Illi l-esponenti qed jannetti affidavit tieghu u qed jigi anness u mmarkat Dok. C;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti, jidhrilha xieraq u opprtuni.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenuta, CD,** datata 3 ta' Settembru 2020, fejn esponiet bir-rispett u bil-gurament kkonfermat;

1. Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti kif esposti mir-rikorrent fir-rikors tieghu.
2. Illi tirrileva li ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni.
3. Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda oggezzjoni li tigi ppronunzjata d-divorzju bejnha u bejn zewgha ir-rikorrent.
4. Illi minkejja dan, l-esponenti tirrileva, li l-ispejjez ta' dal-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ultejruri hekk kif permessi skont il-ligi, u bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti skond il-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**